**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-16 TA' MARZU, 2023**

**Kawża fuq il-lista nru. 6**

**Rik. Ġur. 496/2016 RGM**

**Malta Dairy Products Ltd (C7833)**

**vs.**

**Kevin Camilleri (K.I. 193085M)**

**Il-Qorti**

1. B'**rikors ġuramentat** ippreżentat fit-22 ta' Ġunju, 2016 **is-soċjeta attriċi Malta Dairy Products Ltd** (**'MDP'**) fissret kif hija kreditriċi tal-konvenut Kevin Camilleri (**il-Konvenut**) fil-bilanċ ta' €324,153.84 rappreżentanti prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut fuq ordni tiegħu stess għad-distribuzzjoni fl-*area* magħrufa bħala *Area Nru* 46. Tippremetti li dan id-dejn huwa wieħed, ċert, likwidu u dovut. Għal din is-somma l-konvenut ġie interpellat iħallas diversi drabi inkluż b'ittra bonarja tas-26 ta' Frar 2016 iżda baqa' inadempjenti. Għaldaqstant b'din l-azzjoni s-soċjeta attriċi qiegħda titlob lil Qorti:

"1. Tghaddi biex taqta u tiddeċiedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tal-intimat Kevin Camilleri fil-bilanc tas-somma ta' tlett mija erbgha u ghoxrin elf mija tlieta u hamsin euro u erbgha u tmenin centezmu (€324,153.84) rapprezentanti prezz ta' halib u prodotti tal-halib mibjugha u kkonsenjati lill-intimat fuq ordni tieghu stess;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma msemmija.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf kif ukoll bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma msemmija dekoribbli mid-dati tat-transazzjonijiet sad-data tal-pagament effettiv."

2. B'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mogħti fil-15 ta' Lulju, 2016 il-konvenut ingħata għoxrin jum sabiex jippreżenta risposta ġuramentata wara li kkonsidrat illi "jista' jkun hemm bazi ta' kontestazzjoni".

3. Il-**konvenut Kevin Camilleri** ippreżenta **risposta ġuramentata** fit-3 ta'Awwissu 2016 fejn eċċepixxa li mhuwiex jikkontesta li s-soċjeta attriċi biegħatlu u ikkonsenjatlu ħalib u prodotti tal-ħalib pero qiegħed jikkontesta l-ammont għaliex jgħid li huwa wieħed eċċessiv. Jgħid illi hija s-soċjeta attriċi li għandha tipprova li l-prodotti kollha li qiegħda ssir talba għall-ħlas tagħhom ġew ikkonsenjati lill-konvenut fil-kwalita reklamata. Mingħajr preġudizzju eċċepixxa wkoll li huwa m'għandux ikun ikkundannat iħallas għall-ħalib u / jew prodotti tal-ħalib ikkonsenjati mis-soċjeta attriċi lil terzi. Dwar l-interessi jgħid li r-rata tissupera dik pattwita bejn il-partijiet.

4. Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 l-avukat tal-konvenut iddikjara illi l-konvenut kien qed jaċċetta d-delivery notes indikati f'Dok KC1 a fol. 24 u 25 tal-proċess; u li qed jikkontesta l-bqija.

5. Fid-19 ta' Frar 2020, **fuq talba tal-konvenut,** il-Qorti nnominat **bħala espert ġudizzjarju lill-espert kaligrafu Joseph Mallia** sabiex jagħżel fid-diskrezzjoni tiegħu ħames *delivery notes* li m'humiex dawk indikati minn fol. 23 sa fol. 25 tal-proċess u jirrelata dwar jekk il-firma fuq il-linja msemmija *Distributor* taqbilx mal-firma ta' Kevin Camilleri, taqbilx mal-firma tar-rappreżentant tas-soċjeta attriċi fuq l-istess dokument u jekk fid-dokumenti hekk magħżula hemmx inċidenza ta' firem ta' persuni differenti bejn dokument u ieħor u ċioe sabiex jiġi kkonstat jekk id-*delivery notes* kontestati ġewx iffirmati mill-istess persuni li ffirmat id-*delivery notes* mhux kontestati.

6. Ir-rapport tal-espert kaligrafu Joseph Mallia ġie ppreżentat fid-19 t'April 2021 u maħluf fis-16 ta' Ġunju 2021[1].

7. Fl-14 ta' Lulju 2022 ġiet ippreżentata nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi[2] filwaqt li l-konvenut ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fid-9 ta'Awwissu 2022[3].

8. Rat il-provi kollha li resqu l-partijiet.

9. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

[1] Fol 87 et seq tal-proċess.
[2] Fol 137 et seq tal-proċess.
[3] Fol 166 et seq tal-proċess.

**Provi**

10. **Martin Grech**, **Chief Officer – Operations & Finance fi ħdan is-soċjeta attriċi,** xehed permezz t'affidavit. Beda billi spjega li MDP għandha ftehim ma' diversi distributuri f'Malta u Għawdex sabiex iqassmu l-prodotti fil-ħwienet, skejjel, lukandi u stabbilimenti lokali. Jispjega li kull distributur għandu r-rotta u żona tiegħu li jissuplixxi dawn il-prodotti. Il-ftehim ta' distribuzzjoni ma' Kevin Camilleri ġie ffirmat fil-11 ta' Mejju 2012 li jorbot lil Kevin Camilleri u / jew lil ħaddiema tiegħu jagħmlu distribuzzjoni tal-ħalib u prodotti tal-ħalib fir-rotta assenjata lilu. Ix-xhud spjega hekk:

> "l-prassi mhaddna mill-MDP u d-distributuri taghha, li giet stabbilita snin ilu u li giet accettata minghand kulhadd minghajr problemi, hija dik illi d-distributur jaghmel ordni provizorja tal-prodotti li ghandu bzonn jixtri minghand l-MDP gurnata qabel. Din l-ordni provizorja tigi imnizzla fuq delivery note. L-ghada filghodu d-distributur jmur il-fabbrika bit-trakk tax-xoghol sabiex jghabbih bil-prodotti li ghanu bzonn jixtri. Huwa jigbor il-halib frisk minghand *storekeeper* wiehed u jigbor il-prodotti tal-halib bhal gbejniet, irkotta u *yoghurts* minghand *storekeeper* iehor. Fiz-zewg istanti id-distributur ghandu il-fakulta li jaghmel zidiet ma l-ordni provizjora tieghu skond il-htiega. Dawn il-kwantitajiet mizjuda jigu mnizzla fuq id-*delivery notes* separati li jkunu taht l-istess ordni provizorja, biex b'hekk jiffurmaw ordni finali. Wara li jkun ghaba t-trakk id-distributur flimkien ma kull *storekeeper* rispettiv jikkonfermaw li l-prodotti li gew mghobbija jammontaw ghal dak li gie mnizzel fuq id-*delivery note*. Bhala sinjal ta' konferma kemm id-distributur kif ukoll kull *storekeeper* rispettiv jiffirmaw fl-ispazju provdut fuq id-*delivery note*."

Kompla jispjega li l-ftehim li kellhom ma' Kevin Camilleri kien illi l-ħlas isir kull ħmistax-il ġurnata. L-ewwel problemi bdew fis-sena 2013 meta beda jaqa lura fil-pagamenti. Għal dak id-dejn il-partijiet laħqu ftehim u fid-29 ta' Mejju 2014 il-partijiet iffirmaw quddiem Nutar Pubbliku kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li fih il-konvenut irrikonoxxa d-dejn li kellu sa' dak iż-żmien fis-somma ta' €253,173.00. Ix-xhud spjega li l-konvenut naqas milli jonora l-kuntratt u s-soċjeta' attriċi ppreċediet kontra tiegħu sabiex tirrendi dak il-kuntratt titolu eżekuttiv.

Il-bilanċ baqa' tiela u għalkemm kienu saru tentativi sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta bonarjament il-konvenut baqa' jaqa' lura fil-ħlasijiet. Ix-xhud spjega li fil-5 ta' Novembru 2015 intbagħtet ittra legali lill-konvenut fejn ġie informat li peress li kien kiser klawsola 9 tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu MDP kienet ser tittermina l-kuntratt b'effett mill-11 ta' Novembru 2015. Il-bilanċ dovut kien ta' €315,289.57. Fis-26 ta' Frar 2016 intbagħtet ittra finali lill-konvenut sabiex fost affarijeit oħra dan iħallas lil MDP is-somma totali ta' €324,153.84. Ix-xhud jikkontesta l-allegazzjoni tal-konvenut li l-ammont huwa eċċessiv jew li nbiegħ lil terzi. Jinsisti li sa ftit ġimgħat qabel infetħet din il-kawża, huma kienu għadhom f'negozjati mal-konvenut u qatt ma kien ikkontesta l-ammont jew qalilhom li kien hemm xi prodotti li ma ġewx forniti lilu.

11. Xehed il-konvenut **Kevin Camilleri** imsejjah mis-soċjta' attriċi. Spjega li huwa qiegħed jikkontesta l-maġġoranza tad-*delivery notes* għaliex fuqhom hemm firma li m'hijiex tiegħu u lanqas tal-lavrant tiegħu Joelle Ciantar li kien ilu jaħdem miegħu għal sentejn u nofs. Meta ġie mistoqsi jekk kienx hemm xi ħaddieħor li ġieli kien jaqdih, qal li kien hemm wieħed part-time, Ryan pero ma jiftakarx kunjomu, li pero jgħid li dan kien jgħinu fid-distribuzzjoni u mhux il-fabbrika u meta mar il-fabbrika qatt ma mess firma. Jispjega li t-talba għall-prodotti jagħmilha hu, u jiffirma d-*delivery notes* wara li jkun ġie suppliet bil-prodotti mitluba minnu. Meta ġie mistoqsi kemm spiss kien jagħmel dawn it-talbiet qal li ġeneralment kull jumejn. Meta ġie mistoqsi jekk għandux kopja tad-*delivery notes* ix-xhud jgħid li huwa kien idaħħalhom f'sistema eletronika li iżda kkraxjatlu u m'għandux aċċess ghaliha. Meta reġa' ġie mistoqsi jekk is-soċjeta attriċi kinitx itih karti, huwa jgħid li iva pero jgħid li kien jarmihom.

12. Il-konvenut xhed permezz ta' affidavit[4] fejn spjega b'ħafna dettal il-mod li bih huwa u d-distributuri l-oħra kienu jiġbru l-prodotti minnhom mixtrija mingħand is-soċjeta' attriċi. Jispjega li qabel ma l-kuntratt mas-soċjeta' attriċi ġie terminat huwa kellu

[4] Fol. 52 et seq.

tmienja u erbgħin (48) klijent minn Santa Venera, Fleur De Lys, Ħal Qormi u l-akwati tal-madwar. Il-Qorti ser tiċċita parti estensiva mix-xhieda tiegħu għaliex tikkontjeni spjegazzjoni dettaljata tal-operat bejn il-parijiet:

> "3. ... d-distribuzzjoni, tibda bl-ordni tal-prodotti. L-ordni tittieħed fil-jum ta' qabel, sa qabel ma jdoqq nofsinhar. Kien iċempel ħaddiem tal-MDP u kien jistaqsini għall-ordni, u jien kont nardna skont il-ħtieġa u l-bżonn tal-klijenti tiegħi. Minn-naħa tiegħu dak li kien ikun jieħu l-ordni kien iniżżel l-ammonti tal-prodotti li jien nkun ordnajt fuq d-distributor delivery note ('l quddiem 'delivery note'), lie kienet se tappartjeni l-ordni ta' dak il-jum. Din l-ordni kienet titniżżel fuq l-ewwel ringiela tad-delivery note, imsejjħa initial orders. Wara li jdoqq nofsinhar jien normalment kont nirċievi ordnijiet addizzjonali b'għand il-kljienti tiegħi. Normalment bħala kwantita', dawn l-ordnijiet ma kienux ikunu kbar daqs l-initial orders, għax dawn kienu jikkorrispondu skond il-bejgħ li l-klijenti tiegħi kienu jkollhom. Dawn l-ordnijiet addizzjonali kienu jitniżżlu mill-ħaddiema tal-MDP, fit-tieni ringiela tad-delivery note imsejjħa additions, meta jien kont immur ngħabbi l-prodotti l-għada filgħodu mill-fabbrika tal-kumpanija fil-Ħamrun."

> "4. Issa, naturalment, d-distribuzzjoni, tibda bl-ordni tal-prodotti. L-ordni tittiehed fil-jum ta' qabel sa qabel ma jdoqq nofsinhar. Kien icempel haddiem tal-MDP u kien jistaqsini ghall-ordni u jiena kont nordna skont il-htiega u l-bzonn tal-klijenti tieghi. Min-naha tieghu dak li kien jiehu hsieb l-ordni kien inizzel l-ammonti tal-prodotti li jien inkun ordnajt fuq d-*distributor delivery note* ('l quddiem '*delivery note'*) li kienet ser tappartjeni l-ordni ta' dak il-jum. Din l-ordni kienet titnizzel fuq l-ewwel ringiela tad-*delivery note,* imsejjha *initial orders.* Wara li jdoqq nofsinhar jiena normalment kont nircievi ordnijiet addizzjonali m'ghand il-klijenti tieghi. Normalment bhala kwantita' dawn l-ordnijiet ma kienux ikunu kbar daqs l-*initial orders,* ghax dawn kienu jikkorrispondu skont il-bejgh li l-klijenti tieghi kienu jkollhom. Dawn l-ornijiet addizzjonali kienu jitnizzlu mill-haddiema tal-MDP, fit-tieni ringiela tad-*delivery note* imsejjha *additions,* meta kont immur nghabbi l-prodotti l-ghada filghodu mill-fabbrika tal-kumpanija fil-Hamrun:

> 5. L-iskop tad-*delivery note* huwa sabiex il-kumpanija u d-distributur jkunu jafu l-ammont ta' kunsinna tal-jum. Fiha kien jitnizzel dak kollu li d-distributur kellu jghabbi. Kopja kienet tinzamm ghand il-kumpanija fil-waqt li kopja kienet tinghata lid-distributur malli x-

xoghol jigi mghobbi. Id-*delivery notes* kienu jinhargu u jimtlew mill-haddiema tal-MDP. Id-*delivery notes* kienu jigu bhala settijiet ta' karti b'kuluri differenti (bajda, blu, roza u isfar), pero' li kull sett kien ikollu n-numru tieghu. Il-kitba fuq l-ewwel karta kienet timmarka lil ta' tahta. L-*istore houseman* li kien inkarigat mill-halib kien jiehu hsieb inizzel l-ordni tal-halib, filwaqt li l-*istore houseman* tal-prodotti l-ohra kien jiehu hsieb inizzel l-ordni tal-prodotti l-ohra. Il-*housemen* kienu jghaddu kopja tad-*delivery notes* lid-distributuri, wahda (il-bluna) in konnessjoni max-xoghol tal-halib (tinghata mill-*houseman* li kien jiehu hsieb il-halib) u l-ohra s-safra li tappartjeni l-prodotti l-ohra (tinghata mill-*houseman* li kienu jiehu hsieb il-prodotti l-ohra) – pero' dawn kienu jkunu enumerate l-istess peress li kienu jiffurmaw parti mill-istess *delivery note.*

6. It-taghbija tax-xoghol kienet issehh fil-hinijiet bikrin ta' filghodu, minn is-saghtejn (02:00am) l-hemm. Kull distributor kien ikollu hinijiet skedati ghalih biex jghabbi x-xoghol. Naturalment dawn id-distributuri kienu jkopru Malta kollha, ghalhekk l-MDP kien jehtigilha li fil-lejl taqdi Malta kollha. Niftakar li l-hin li kien allokat lili kien dak ta' bejn l-erbgha u kwart ta' filghodu (04:15am) sal-(04:30am). Jiena f'dak il-hin kont inkun irrid nirranga l-karti mal-*istore houseman,* u nghabbi x-xoghol kollu li jkun ordnat.

7. Filghodu jiena kont inbakkar kmieni u qabel l-4:15am kont inkun bil-vann, nistenna wara d-distributuri ta' qabli. Nista nghid li jiena qatt ma inqdejt fil-hin li suppost kien imissni, dejjem kien ikun hemm id-dewmien. Dan hafna drabi kien ikun attribwit ma' nuqqas ta' haddiema min-naha tal-MDP, u allura x-xoghol kien jaqa' lura. Gieli dhalt nghabbi fil-hamsa neqsin kwart ta' filghodu (04:45am) u anke aktar tard. Nista nghid li ftit drabi jew qatt ma nqdejt fil-hin li kien imissni.

8. X'hin kien imissni, jien kont nidhol bil-vann f'wahda minn l-erba' *loading bays* tal-fabbrika. Sabiex nispjega t-tqassim tax-xoghol kien maqsum f'sezzjoni fejn wiehed kien jinqeda mill-*crates* tal-halib u sezzjoni fejn kienu jiehdu hsieb il-kumplament tal-prodotti, bhal irkotta, *yogharts* u ġbejniet. Kien hemm *point* fuq kull naha, li kien jservi l-halib, filwaqt li kien hemm wkoll *point* biss fin-nofs li fiha kien jservu l-prodotti l-ohra. Kull distributor kien jehtieglu jmur jirranga x-xoghol tal-halib mal-*houseman* li kien jinsab fil-*point* tal-halib (li kienu jkunu mal-genb tas-sala ta' fejn kien jitghabba x-xoghol). Filwaqt li wara kien jehtieglu jigbor x-xoghol tal-prodotti l-ohra mill-*point* tan-nofs. L-*istore houseman* tan-nofs ried jaqdi erba' distributuri f'salt, ghall-prodotto differenti, filwaqt li kien inkun jehtiegu jizen xi prodotti bhal m'huma dawk tal-irkotta.

9.Nghid li f'dan il-hin ix-xoghol kien isir f'genn u pandemondju kbir. Ix-xoghol kien jehtieglu jitghabba f'hin qasir hafna. Kien ikun hemm agitazzjoni kbira, sija min-naha tal-haddiema u sija min-naha taghna d-distributuri, minhabba li ahna kellna ta' bilfors (skont il-kuntratt ta' distribuzzjoni) inqassmu l-prodotti sat-tmienja u nofs ta' filghodu (08:30am). Apparti dan id-distributuri kellhom kontrihom ukoll it-traffiku ta' filghodu, u l-problema tal-parkegg. Dawn l-elementi kollha, flimkien man-nuqqas tal-haddiema kienu jikkontribwixxu ghal-genn sfrenat. Kien hemm anke mumenti fejn l-*istore houseman* kien jaqbad iservi li ta' warajja (kienu jaqbdu u jqieghdu x-xoghol mal-genb tal-*loading bay*) u kien jispicca jghalaqni bix-xoghol ta' haddiehor.

10.Issa meta jiena kont nigi biex ninqeda, l-ewwel kont immur ghand l-*istore houseman* li kien iservi l-halib. Ma dan kont nirranga ordnijiet addizzjonali li kienu jidhluli wara l-hin ta' nofsinhar. Hawnhekk il-*houseman* kien inizzel dawn l-ordnijiet fir-ringiela tal-*additions.* Ix-xoghol kien jingieb minn gewwa u jiena kont nibda nghabbi fil-vann. Wara dan kien issir l-istess procedura mal-*houseman* tal-prodotti l-ohra. It-toghbija fil-vann kont niehu hsiebha jien.

11.Nghid li d-*delivery notes* – suppost – kellhom jigu ffirmati mid-distributur u mill-*istore houseman,* wara li dawn jiccekjaw ix-xoghol flimkien. Pero' l-iccekkjar tax-xoghol flimkien mal-*houseman* rari kien isir minhabba l-ghaggla sfrenata li kien ikun hemm fil-hin tat-toghbija. Suppost li jien kont niffirma fuq zewg kopji tal-istess *delivery note;* fuq tal-halib u fuq tal-prodotti l-ohra. Fil-fatt hemm settijiet ta' *delivery notes* li ghandhom firem differenti dan minhabba l-fatt li fuq wahda kont per ezempju ffirmajt jien, u l-ohra kienu jtuhieli bil-firma (ta' fejn suppost jiffirma d-distributur) lesta! Kien hemm drabi, pero', meta kien hemm prezenti xi nies gholja fi hdan il-Kumpanija, u l-*istore houseman* fil-prezenza tieghi kien giee jiccekja x-xoghol u qabbel ma' dak li kien nizzel fid-*delivery note* – suppost kien isir hemm ma' kull toghbija – pero' din il-prattika rari kienet issir.

12.Issa jien ix-xoghol kont niccekjah mal-lant tat-tqassim ghax meta kienu jaghtuni n-nieqes kont nispicca bin-nieqes u ma kienx ikolli minn fejn naqdi lill-klijenti tieghi. Kif kont inkun lest kont niffirma d-*delivery note,* u kopja kienet tigi mizmuma mill-*istore houseman* filwaqt li kopja kienet tinghata lili. Hawnhekk irrid nghid ukoll li kien hemm drabi fejn l-*istore houseman* kien jigi bil giri jnewwili d-*delivery note* fil-vann, u jibghatni l-barra sabiex ikun jista' jidhol ta' warajja.

13.Nghid li gieli dawn id-*delivery notes* kienu jkunu ffirmati u lesti minghajr ma' nkun iffirmajt ghalihom jien – il-firem (tad-distributuri) gieli gew mizjuda mill-*houseman* tal-MDP stess! – dan kollu ghall-finijiet ta' heffa! Jigifieri jiena ma nkunx iffirmajt imma jkun hemm tahziza taht fejn suppost niffirma jiena, maghmula mill-MDP stess.

14.Irrid nispjega li l-*houseman* u l-haddiema l-ohra prezenti, kien ikollhom pressjoni kbira biex ihaffu x-xoghol, dan mhux biss minhabba l-fatt li kienu jaqghu lura fil-hin, izda wkoll minhabba l-fatt li tali haddiema kienu jispiccaw mix-xift fis-sebgha filghodu (07:00am) u wara li kienu jaqdu lid-distributuri kollha kien ikollhom jigbru d-*delivery notes* kollha u jaghmlu l-process tar-rikonciljar tax-xoghol kollu li kien ikun inhareg.

15.Issa rrid nghid li jien minix nikkontesta s-settijiet ta' *delivery notes* fejn fihom – anke jekk mhux fuq kull kopja – kien ikun hemm il-firma tieghi. Dan ghar-raguni li la jiena kont iffirmajt (anke fuq kopja wahda) jien kont inkun iccekjajt x-xoghol kollu u jfisser li vera hadt il-prodott. Lanqas ma jiena ha nikkontesta *delivery notes* li fihom hemm il-firma ta' haddiema awtorizzati minni. Qieghed nikkontesta biss dawk is-settijiet li fihom la hemm il-firma tieghi u lanqas dik tal-impjegati tieghi – dan ghal-fatt li dak ix-xoghol kif kwotat f'dawk id-*delivery notes* qatt ma nista nikkonferma li gie ghandi u jiena ma nafx bih. Fuq il-firem nista nzid ukoll li hemm *delivery notes* li ghandhom firem li jidhru jixbhu l-firma tieghi – mentri l-firma tieghi mhijiex.

16.L-iskop tad-*deliery note* huwa sabiex ikun hemm qbil bil-miktub bejn l-MDP u d-distributur tax-xoghol kollu li kien inghadda bejniethom. Il-firma mid-distributur tkun konferma li x-xoghol fl-ammont citat fid-*delivery note* jkun hadu. Filwaqt li l-firma tal-*istore houseman* tkun konferma tax-xoghol li jkun hareg. Ghalhekk suppost kien isir l-ezercizzju fejn iz-zewg partijiet (id-distributur u l-*houseman*) kienu jiccekjaw ix-xoghol flimkienn – haga li rari sehhet kemm domt distributur jien.

17.Wara li kont nghabbi x-xoghol kont nitlaq bil-giri l-barra nqassam ix-xoghol. Kont nibda minn Fleur de Lys u Santa Venera u wara kont nibqa niezel Hal Qormi. Wara Qormi kont inkompli nqassam f'Birkirkara u l-kumplament ta' Santa Venera. Lejn l-ahhar tal-vjagg kont inqassam lill-Park Towers Supermarket, li kien l-akbar klijent tieghi. Mall-Park Towers Supermarket kelli ftehim, li x-xoghol jitqassam sas-sebgha u nofs (07:30am) wara dan kien ikolli immur inqassam fl-istabbilimenti li kienu jifthu fit-tard. Nghid wkoll illi l-

hatt tax-xoghol kien jiehu l-hin tieghu per ezempju, ghand il-Park Towers Supermarket, jiena kont inqatta armajna tliet kwarti."

13. In **kontro-eżami l-konvenut** xhed li huwa ġieli kellu jmur aktar tard il-fabbrika għal xi prodotti. Meta ġie mistoqsi x'jagħmlu meta jaraw li d-*delivery note* tkun ġiet iffirmata minn xi ħaddieħor huma ma jagħmlu xejn u jmorru jqassmu l-prodotti li jkunu għabbew. Dwar il-kwistjoni li jmorru terzi jixtru dirett m'għand MDP u jitfawha fuq il-kont tal-konvenut, ix-xhud jgħid li huwa ma kienx ikun jaf jekk ma jgħidlux il-klijent. Fit-tieni kontro-eżami li sarlu, il-konvenut xhed li huwa kien jagħmel ordni proviżorja kważi kuljum. Pero huwa xorta jibqa' jikkontesta l-fatturi għaliex m'hemmx il-firma tiegħu fuqhom.

14. Permezz ta' **Kuntratt ta' Distribuzzjoni datat 11 ta' Mejju 2012**, il-konvenut intrabat li jixtri ħalib u prodotti tal-ħalib mingħand is-soċjeta attriċi sabiex f'ismu jbiegħhom lill-klijenti tiegħu f'żona fil-gżejjer Maltin skont kif maqbul bejn il-kontraenti. Dan il-kuntratt kien validu sal-31 ta' Diċembru 2012.

15. Skont dak li ingħad fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi u mhux kontestat mill-konvenut, il-kuntratt tal-11 ta' Mejju 2012 ma ġiex mġedded "peress li l-partijiet gew mgharfa li seta' kien hemm xi dispozizzjonijiet li kienu kunfliggenti mal-ligijiet tal-kompetizzjoni ezistenti u ghalhekk, wara estensjoni temporanja qasira, il-kumpanija attrici tat awtorizzazzjoni fuq mera tolleranza lill-konvenut sabiex ikun jista' jkompli jiddistribwixxi l-prodotti li jkun xtara minghandha."[5]

16. Il-konvenut beda jakkumula djun mas-soċjeta attriċi. Permezz ta' kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu ippubblikat min-Nutar Dr. James Grech fid-29 ta' Mejju, 2014, il-konvenut ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' mitejn tlieta u ħamsin elf mija tlieta u sebgħin Euro u tlettax-il ċentezmu(€253,173.13).

---

[5] Fol 139 tal-proċess.

17. Skond l-imsemmi kuntratt il-konvenut kellu jħallas is-somma kapitali fi żmien seba' (7) snin mid-data tal-kuntratt flimkien ma' imgħax bir-rata ta' ħamsa filmija (5%), kalkulabbli a scaletta, b'pagamenti mensili ta' tlett elef ħames mija tmienja u sebgħin Ewro tlieta u tletin ċentezmu (€3,578.33) kif kien spjegat fi prospett anness mal-kuntratt. Fost kondizzjonijiet oħra ġie hemm stipulat illi morożita fil-ħlas ta' żewġ pagamenti mensili kien ser iwassal għat-telf tal-benefiċċju tat-terminu mogħti kif ukoll li r-rata tal-imgħax titla għal tmienja fil-mija (8%).

18. Sadanittant MDP kompliet tissupplixxi lill-konvenut bl-ordnijiet li baqa' jagħmel. Skond MDP il-konvenut tella kont ieħor ta' tlett mija u erbgħa u għoxrin elf, mija tlieta u ħamsin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€324,153.84) referibbli għall-perjodu bejn il-5 ta' Frar 2015 u l-10 ta' Novembru 2015[6] mertu tal-kawża odjerna.

19. Meta MDP rat illi l-konvenut baqa' ma ħallasx dan l-ammont MDP itterminat ir-relazzjoni kummerċjali li kellha mal-konvenut u istitwit il-kawża odjerna.

**L-Azzjoni Attriċi**.

20. Din hi kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu pretiż mis-soċjeta' attriċi kontra l-konvenut. Kreditu li skond is-soċjeta' attriċi jirrapreżenta prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib konsenjati mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut.

21. Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi għandha sistema li permezz tagħha ma tqassamx il-prodotti tagħha direttament fil-ħwienet permezz ta' impjegati tagħha iżda permezz ta' numru ta' distributuri privati. Il-konvenut kien wieħed minnhom.

22. Hemm kunflitt qawwi bejn il-partijiet dwar l-ammont dovut.

---

[6] Ara prospett a fol. 4 et seq.

23. Is-soċjeta' attriċi ippreżentat flimkien mar-rikors ġuramentat prospett datat 6 ta' Ġunju, 2016 intitolat "*Statement of Oustanding Invoices*" li fih hemm elenkati lista ta' erba' paġni invoices bl-ewwel invoice bid-data tal-5 ta' Frar, 2015 u l-aħħar invoice li saret referenza għaliha ġġib id-data tal-10 ta' Novembru, 2015.

24. Il-konvenut laqa' bl-eċċezzjoniiet segwenti illi "l-ammont kif mitlub huwa eccessiv u f'kull kaz irid jigi ippruvat mis-socjeta' attrici sal-grad rikjest mil-ligi"; "jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova li l-prodotti kollha li taghhom qed titlob il-hlas gew fil-fatt ikkonsenjati lill-intimat fil-kwantita' reklamata"; "l-intimat ma jirrispondix u ma ghandux ikun ikkundannat ihallas ghal halib u/jew prodotti tal-halib ikkonsenjati mis-socjeta' attrici f'idejn terzi".

**25.** Rinfaċċjata b'dawk l-eċċezzjonijiet is-soċjeta' attriċi ppreżentat fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2016 **affidavit tac-Chief Officer-Operations & Finance tagħha, Martin Grech,** kif ukoll żewġ box files b'dokumenti konsistenti f'kopja tal-invoices relativi għall-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi anness ma' kull invoice id-delivery note relativa.

26. Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju, 2017 il-konvenut ippreżenta nota li permezz tagħha indika liema kienu dawk id-*delivery notes* li ma kienx qed jikkontesta u ddikjara li qed jikkontesta d-*delivery notes* l-oħra kollha.

27. Ir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi xhed illi sa ma nfetħet il-kawża l-konvenut qatt ma kkontesta l-ammonti reklamati. Jgħid illi sa ftit ġimgħat qabel infetħet il-kawża d-diskussjonijiet bejn il-partijiet ma kienux dwar l-ammont li kien dovut imma dwar kif kellu jitħallas l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi.

28. Isostni l-konvenut illi huwa m'għandux jiġi kkundannat iħallas ta' fatturi li ma ġewx iffirmati minnu jew min-nies awtorizzati minnu. Kien għalhekk li huwa talab il-ħatra ta' perit kaligrafu. Il-Qorti innominat lill-espert kalligrafu Joseph Mallia sabiex jiġu eżaminati l-firem fuq ħames fatturi u jirrelata dwarhom.

29. Ir-**rapport tal-espert kalligrafu** ġie ppreżentat fid-19 t'April 2021 u maħluf fis-16 ta' Ġunju 2021[7]. Il-partijiet qablu fuq ħames dokumenti li fuqhom kellu jsir l-eżami tal-firem min-naħa tal-espert u li tagħhom l-espert ħa konjizzjoni wkoll tal-oriġinal. L-espert wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

> "1. Illi fl-opinjoni tal-esponent ġew misjuba diversi punti ta' diskrepanza fil-punti karatteristiċi, fl-għamla, angoli disinn u pawsi li jinsabu fil-kors tal-kitba tal-firem kif miktubin fuq id-*Delivery Notes* fuq il-linja bit-titolu *"Signature Distributor"*, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li jinsabu fil-kors tal-kitba tal-firma tas-Sur Kevin Camilleri [...]
>
> 2. Illi tirriżulta diskrepanza bejn il-kuntenut li jinsab miktub fuq id-dokumenti oriġinali bit-titolu *"Distributor Delivery Note"* hekk kif ikkomparat mal-kontenut li jinsab miktub fuq il-kopja bl-istess numru annessa mal-istess dokument.
>
> 3. Illi l-erba' (4) firem li jinsabu miktubin fuq kull dokument kemm oriġinali u kopja huma differenti minn xulxin.
>
> 4. Illi l-unika firem li jaqblu ma' xulxin u għalhekk fl-opinjoni tal-esponent ġew miktubin mill-istess persuna huma l-firma li tinsab miktuba fuq il-linja bit-titlu *"Signature for MDP"* fuq id-dokumenti bit-titly *Distributor Delivery Note* numru 106 640, hekk kif ikkomparata mal-firma li tinsab miktuba fuq il-linja bit-titlu *"Signature for MDP"* fuq id-dokumenti bit-titlu *Distributor Delivery Note* numru 107441 kif ukoll,
>
> 5. Firma li tinsab miktuba fuq il-linja bit-titlu *"Signature for MDP"* fuq il-kopja tad-dokumenti bit-titlu *Distributor Delivery Note* numru 106741, hekk kif ikkomparata mal-firma li tinsab miktuba fuq il-linja bit-titlu *"Signature for MDP"* fuq il-kopja tad-dokumenti bit-titlu *Distributor Delivery Note* numru 107 441."[8]

30. Is-soċjeta attriċi ma kkontestax tali konklużjonijiet filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha qalet li tali rapport bl-ebda mod mhu qiegħed jagħti xi prova konkluživa. Min-naħa tal-konvenut, jgħid li dan ir-rapport qiegħed jikkonferma dak li huwa xhed.

[7] Fol 87 et seq tal-proċess.
[8] Fol 105 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

31. Il-Qorti serja tikkonsidra punti ta' dritt li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex il-Qorti tiddeċiedi l-vertenza ta' bejn il-partijiet.

32. Bħala punt ta' tluq tajjeb li jiġi sottolineat illi jibqa' dejjem prinċipju ta' dritt li parti li tistitwixxi kawża għandha l-oneru li tipprova sodisfaċentement dak li tkun ddikjarat fil-premessi tagħha bħala preludju u fondament għat-talbiet attriċi. Dan in linea ma' dak li jipprovdi **artikolu 562 tal-Kap. 12** illi: "....l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". In-nuqqas li parti attriċi teżegwixxi tali oneru għandu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi in linea mal-massima legali *actore non probante reus absolvitur.* Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova" (**Howard Willey et. v. Vincent Vella** - Prim' Awla - 14 ta' Jannar, 2016)

33. Għalkemm fil-kamp ċivili mhuwiex mistenni li l-attur jipprova l-każ tiegħu lil hinn mid-dubju dettat mir-raġuni, fl-istess ħin huwa mistenni illi l-provi jkunu tali li jnisslu f'min irid jiddeċiedi dak il-konvinċiment morali meħtieġ li l-provi għandhom mis-sewwa (**Nancy Caruana v. Odette Camilleri** - Appell Superjuri - 27 ta' Frar, 2004).

34. F'kawża għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu pretiż bħalma hi dik odjerna jaqa' fuq l-attur l-oneru li jġib l-aħjar prova tal-kreditu minnu pretiż (**Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio** - Appell Superjuri - 17 ta' Marzu, 2022). Jekk l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa debitur tiegħu, ma jiskatta l-ebda oneru fuq il-konvenut li jrid iressaq xi prova (**Angelo Xuereb noe. v. Godwin Migneco et. noe.** – Appell Superjuri - 18 ta' Lulju, 2017).

35. Huwa biss meta l-attur jirnexxielu jressaq provi konvinċenti dwar il-kreditu minnu pretiż li jiskatta fuq il-konvenut l-oneru li jressaq provi konvinċenti li l-kreditu tħallas (**Joe Chetcuti et. v. Joseph Pearson et. noe.** - Appell Superjuri - 5 ta' Ottubru, 1998).

36. Dwar l-evalwazzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet li tkun f'konflitt, huwa miżmum illi "Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lill-attriċi milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha. (**Emanuel Ellul v. Anthony Busuttil** - Appell Inferjuri - 12 ta' Jannar, 2001).

37. Kif rajna aktar qabel, il-kuntrast bejn il-partijiet ma hux illi l-konvenut ma kienx klijent tas-soċjeta' attriċi jew li ma kienx jingħata kreditu fuq il-prodotti li jixtri. Il-kuntrast jinstab filli s-soċjeta' attriċi tirritjeni illi l-prodotti kollha li jidhru fl-invoices minnha ppreżentati ġew mibjugħha u kkonsenjati lill-konvenut; filwaqt li l-konvenut jikkontesta dawk l-invoices kollha li huma bbażati fuq delivery notes fejn ma hemmx il-firma tiegħu. Tant illi in sostenn ta' din id-difiża talab li ssir periżja kaligrafa sabiex jipprova illi hemm hafna mid-delivery notes li ma humiex iffirmati minnu.

38. Huwa minnu li r-relazzjoni peritali uriet illi l-ħames *delivery notes* li l-espert kaligrafu ħa bħala kampjuni ma humiex kollha iffirmati mill-konvenut; pero' dan fih innifsu ma jwassalx neċessarjament illi l-konvenut ma hux kreditur tal-ammonti li jidhru fl-invoces li jirriflettu d-delivery notes mhux iffirmati mill-konvenut.

39. Kif rajna minn qari tal-affidavit tal-konvenut riprodott hawn fuq, il-konvenut kien imur prattikament kuljum jixtri prodotti mingħand is-soċjeta' attriċi sabiex ibiegħhom u jikkonsenjhom lill-klijenti tiegħu konsistenti fi ħwienet u supermarkets imxerdin f'diversi lokalitajiet.

40. Fix-xhieda tiegħu mogħtija b'affidavit il-konvenut jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-operazzjonijiet li kienu jsiru sabiex huwa bħala distributur jordna u jiġbor il-prodotti mingħand MDP. Jilmenta illi s-sistema ma kenitx waħda tajba għaliex jgħid illi kienet tat lok għal abbuż peress li ġiri sab li klijenti tiegħu marru jixtru direttament mingħand

MDM u l-kont poġġew fuqu. Jilmenta illi ġieli għaddewlu delivery notes fejn xi ħadd minn MDM ikun iffirma għan-nom tiegħu u dan sabiex iħaffu. Jgħid illi peress li l-konsenji jsiru kmieni filgħodu u jkun hemm għaġla kbira sabiex joħorġu bix-xogħol spiss kien jiġri li l-prodotti li jkunu ikkonsenjawlu ma jiġux verifikati.

41. Dak li spjega l-konvenut dwar kif kienu joperaw il-partijiet ma jidhirx li fis-sustanza huwa kkontestat mis-soċjeta' attriċi. Pero' mhux korrett jgħid il-konvenut illi huwa m'għandux iħallas ta' dawk id-*delivery notes* li ma humiex iffirmati minnu għaliex huwa stess xhed li kellu aktar minn impjegat wieħed li kien jinkariga sabiex imur jiġbor il-prodotti minnu ordnati u mixtrija u xhed ukoll illi ġieli hu stess ħa merkanzija mingħajr ma ffirma d-delivery notes.

42. L-atturi ippreżentaw żewġ *box files* mimlija b'kopji tal-*invoices* u *delivery notes* sabiex jissostanzjaw il-kreditu minnhom pretiż flimkien ma' prospett li jiġbor fih it-total tal-invoices. Inoltre ippreżentaw file ieħor bid-delivery notes oriġinali mertu tal-kawża. Jekk per eżempju nieħdu l-ewwel żewġ invoices referibbli għal jum tal-5 ta' Frar 2015 insibu illi <u>invoice numru 119869</u> għall-ammont ta' €140.33 tirreferi għal Distributor Delivery Note numru 106 594 filwaqt li <u>invoice numru 119 867</u> għall-ammont ta' €2,105.71 tirreferi għal Distributor Delivery Note numru 106 590. Dawn iż-żewġ invoices intbgħatu lill-konvenut fl-indirizz tiegħu ġewwa Burmarrad. Il-konvenut ma jagħti l-ebda spjegazzjoni kif l-invoices kienu jintbghatulu regolarment u huwa qatt ma sab oġġezzjoni matul dawk ix-xhur kollha li baqa' prattikament ta' kuljum imur u jieħu l-prodotti li jkun ordna l-jum ta' qabel.

43. Kull invoice fiha rendikont dettaljat ħafna ta' kull prodott li skond is-soċjeta' attriċi ġie mibjugħ lill-konvenut. Il-konvenut ammetta illi fil-perijodu in kwistjoni bejn Frar u Novembru 2015 huwa kien imur prattikament kuljum jiġbor il-merkanzija mingħand MDP li skond is-soċjeta' attriċi kull konsenja hija riflessa f'kull invoice rispettiv.

44. Bl-esibizzjoni tad-delivery notes u tal-invoices kollha li jkopru l-ammont reklamat akkumpanjati mat-testimonjanza taċ-Chief Officer ta' MDP, u meħud ukoll in konsiderazzjoni it-testimonjanza dettaljata tal-istess konvenut li tista' titqies

korroborativa f'diversi aspetti tal-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tqis illi s-soċjeta' attriċi leħqet dak il-grad ta' prova meħtieġ sabiex inisslu l-konvinċiment meħtieġ illi l-invoices u delivery notes ippreżentati jirriflettu fedelment il-prodotti mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut kif ukoll l-ammont dovut mill-konvenut lil MDP.

45. Rinfaċċjat bl-eżibizzjoni ta' dawk l-invoices kollha kkonfermati minn rappreżentant ta' MDP kien jinkombi fuq il-konvenut illi jressaq provi dokumentarji sabiex juri illi kien hemm invoices li mhux veru jirriflettu l-prodotti li huwa ħa mingħandhom. Dan suppost faċilment seta' jagħmlu billi jekk mhux għad-dati kollha għax hemm ħafna, seta' faċilment għażel ftit kampjuni minnhom sabiex juri d-diskrepanza bejn il-prodotti li kkonsenjawlu u l-prodotti li huwa kkonsenja lill-klijenti tiegħu fi ġranet partikolari. Għalkemm il-konvenut xhed li huwa d-delivery notes li jagħtuh kien jarmihom, kif allura presumibilment kien jarmi l-invoices relativi meta jaslu; fl-istess ħin ma qalx li hu ma kienx iżomm rendikont tal-prodotti ta' MDP li kien jikkonsenja lill-klijenti rispettivi tiegħu. Ma ta l-ebda raġuni l-konvenut għaliex ma ġab l-ebda prova fir-rigward. Ħa l-posizzjoni illi fejn ma jirriżultax xjentifikament illi d-delivery note hija iffirmata minnu m'għandux iħallas tagħha.

46. Tali difiża hija dgħajfa mhux biss għaliex mhux dejjem kien imur il-konvenut jiġbor il-prodotti mingħand MDP; iżda wkoll għaliex skond l-istess konvenut ġieli tawh delivery notes b'taħżiża lesta fejn suppost iffirma hu. Oltre l-fatt illi jekk wieħed jifli dawn id-delivery notes fil-verita aktar hemm taħżiża milli firma veru u proprju.

47. Huwa prinċipju regolanti l-kontrattazzjonijiet illi ftehim għandu jiġi eżegwit in *bona fede*. Li taċċetta fuq medda ta' madwar sena sistema li għalik ma tkunx aċċettabbli u tilmenta biss meta waqfulek il-kuntratt u talbuk tħallas wara li tawk kreditu ta' €324,153.84 aktar għandu minn aġir in *mala fede* milli dak li wieħed jistenna fil-kummerċ fejn f'diversi sitwazzjonijiet il-partijiet in *bona fede* jaġixxu fuq il-fiduċja u s-serjeta'. Il-Qorti wara li eżaminat il-provi kollha mressqa hi tal-fehma illi l-konvenut mill-bidunett kien intenzjonat li ma jħallasx il-kontijiet li kien qed

jakkumula tant illi ma ħallas xejn minnhom, la dawk li jgħid li ma jikkontestax u wisq anqas dawk li jgħid li jikkontesta.

48. In **kontro-eżami tas-17 ta' Mejju 2022** il-konvenut xhed:

> "Dr. Tyron Grech : Ejja nwiegbu l-mistoqsija li qed naghmillek. Il-mistoqsija kienet meta jinghatawlek dawn id-delivery notes x'kontu taghmlu?
>
> Xhud : Xejn normali.
>
> Dr. Tyron Grech : Jigifieri taqbad il-halib, il-prodotti whatever li jkollhok titfghu fil-van u tmur tbieghhu …
>
> Xhud : Normali.
>
> Dr. Tyron Grech : Tghid ukoll li jkun hemm xi drabi fejn l-istore house man kien jigi, jhallilek id-delivery note fil-van u x'kien jigri dak iz-zmien meta kien ihallihilek fil-van?
>
> Xhud : Mhux fil-van as such, kien ihalliha fuq ix-xoghol, jitfaghha fuq ix-xoghol.
>
> Dr. Tyron Grech : X'kont taghmel int imbaghad?
>
> Xhud : Jekk ikollhok ic-cans ovvjament ticcekkjaha, tghabbi u titlaq biss meta imbaghad ikun hemm xi diskrepanza li jien ma naqbilx, jien dejjem kont nidhol lura bil-vojt, bil-kaxxi l-vojta biex nifthemu. Dak il-hin fejn kont ma naqbilx kont nidhol u nghidilhom."

49. Din il-Qorti hija tal-fehma li jekk verament il-prodotti li kienu jidhru fuq l-invoices mhux kollha kienu ġew konsenjati lill-konvenut, ma kellux jistenna l-mument li jiġi mħarrek sabiex jikkontesta s-sistema li kienu jadoperaw il-partijiet. Jekk il-konvenut kellu objezzjonijiet għas-sistema adoperata kellu jieħu azzjoni fil-mument opportun. Jidher ċar illi l-ħsieb tal-konvenut kien li jieħu kemm jista' jkun merkanzija mingħand MDP sabiex meta mbagħad jiġi mfittex għall-ħlas jgħid illi m'għandux iħallas għal dawk l-invoices kollha li ma ssirx il-prova li huwa ffirmhom.

50. Il-Qorti tat ukoll piż probatorju l-fatt illi apparti d-delivery notes li l-konvenut kien jingħata mal-konsenja tal-prodotti, kien ukoll jintbghatu fir-residenza tiegħu l-invoice

li tiddettalja kull prodott lilu mibjugh u kkonsenjat. Il-konvenut ma qalx li dawn kien jarmihom. Qal biss li huwa kien jagħmel input tal-kontenut tad-delivery notes fil-computer tiegħu. Pero' meta mistoqsi dwar dik id-data huwa rrisponda li ma setax jagħti dik l-informazzjoni għaliex il-computer "ikkraxxja"!

51. Pero' anke hawn il-konvenut jidher li kien ekonomiku mal-verita'. Jekk verament skond it-testimonjanza tiegħu huwa kien jagħmel input tad-data riżultanti mid-delivery notes, suppost kien qed jirriżultalu f'qasir żmien diskrepanza bejn dak li huwa xtara u ħa mingħand MDP u dak li kien qed jirriżulta fl-invoices li kien jirċevi ftit wara. Imkien ma xhed il-konvenut li kien qed jirriżultalu xi diskrepanza bejn id-data fuq id-delivery notes li hu jew il-lavreant tiegħu kien jieħu mal-prodotti lilu kkonsenjati u d-data fuq l-invoices relativi.

52. Il-Qorti tqis illi mill-kumpless tal-provi prodotti ġie ppruvat sodisfaċentement illi l-konvenut verament xtara u ġew lilu kkonsenjati l-prodotti li jidhru fuq l-invoices eżebiti u li konsegwentement huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' tlett mija erbgħa u għoxrin elf mija tlieta u ħamsin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€324,153.84) rappreżentanti prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut fuq ordni tiegħu stess.

**Imgħaxijiet**

53. Ir-**raba' eċċezzjoni tal-konvenut** tirrigwara l-imgħax pretiż u taqra kif ġej:

> "Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rata ta' interessi mitluba mis-socjeta attrici tissupera dik pattwita bejn il-partijiet".

54. L-artikoli tal-Kodiċi Ċivili rilevanti huma s-segwenti:

> **Artikolu 1139 tal-Kapitolu 16:**
>
> "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."

> **Artikolu 1140.** L-imgħaxijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan għandhom jitħallsu, mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf.
>
> **Artikolu 1141.** (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita."

55. Ingħad fis-sentenza **Mekkanika Limited vs. Direttur tad-Dipartimenti tal-Kuntratti et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008 li:

> "Innegabilment, l-imghaxijiet huma tip partikolari ta' obbligazzjoni pekunjarja li, ghall-accessorjeta taghhom, jinghaqdu ma' l-obbligazzjoni ta' natura kapitali. F' dan is-sens inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede kummercjali, in re: "**Francis Penza -vs- John Mallia**", 20 ta' Lulju, 1994, illi "meta l-ligi stess tispecifika li l-interessi huma esigibbli *ipso jure* fil-kamp kummercjali dan ifisser li huma accessorji ghat-talba principali";
>
> B' aktar precizazzjoni ghall-kwestjoni hawn ventilata jinsab ritenut illi "*stricto juris*" ma huwiex necessarju ghall-atturi li jaghmlu domanda *ad hoc* ghall-hlas ta' l-imghaxijiet. Dan huwa hekk ghaliex il-hlas ta' l-imghaxijiet jistghu jitqiesu wkoll bhala danni dovuti ghan-nuqqas tal-hlas tal-kapital li jkun dovut. Inoltre, il-ligi stess tahseb biex tistabilixxi d-dies a quo, ossija l-gurnata, minn meta l-istess imghaxijiet jibdew jghaddu." ("**Mary armla ta' George Bugeja et -vs- George Agius nomine et**", Appell, 14 ta' Gunju, 1996)."

56. Il-Qorti wara li ħadet kont tal-liġi u tal-ġurisprudenza in materia ser tilqa' t-talba għal ħlas ta' imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tat-transazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tastjeni** milli tieħu aktar qies tal-ewwel talba;

2. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;

3. **Tilqa'** t-tieni talba, tiddikjara illi s-soċjeta attriċi hija kreditrici tal-konvenut Kevin Camilleri fis-somma ta' tlett mija erbgħa u għoxrin elf mija tlieta u ħamsin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€324,153.84) rappreżentanti prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut;

4. **Tilqa'** it-tielet talba, tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta attriċi s-somma imsemmija ta' tlett mija erbgħa u għoxrin elf mija tlieta u ħamsin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€324,153.84) bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-aħħar invoice u ċioe' l-10 ta' Novembru, 2015 sad-data tal-effettiv poagament.

**Bl-ispejjeż** kontra l-konvenut kif mitlub.

**Moqrija.**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
16 ta' Marzu, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**